# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 43/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Frank Calleja**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Frank Calleja**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0329069(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Novembru 2019 għall-ħabta tas-02.15hrs bħal persuna responsabbli tal-istabbiliment bl-isem ta' "Queen's Head Pub", fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar:

1. ħaddem jew ġiegħel jew ħalla lil min iħaddem *loud speaker*, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, għamel jew

inkella ġiegħel jew ħalla li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkun joqogħdu fil-qrib;

2. fl-istess ħin, lok, dati u ċirkostanzi ħaddem jew ġiegħel jew ħalla lil min iħaddem *loud speaker*, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, għamel jew inkella ġiegħel jew ħalla li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqogħdu fil-qrib;

3. fl-istess ħin, lok, dati u ċirkostanzi ppermetta u/jew daqq mużika tgħajjat u/jew l-użu ta' *loud speakers* u/jew amplifikata mingħajr liċenzja tal-awtorita' kompetenti;

4. fl-istess ħin, lok, dati, u ċirkostanzi ppermetta u/jew daqq mużika tinstema' minn barra wara 23:00hrs;

5. għamel xi ħaġa mingħajr liċenzja tal-awtorita' kompetenti meta din il-liċenzja hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmula mill-awtorita' kompetenti;

6. bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Frar 2020, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 338(gg) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 12 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 409.15, Regolament 9 tat-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07, Regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08 sabet lill-imputat ħati tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni miġjuba kontrih u kkundannatu multa ta' elf Euro (€1000) u lliberatu mill-ewwel (1), mit-tieni (2) u mis-sitt (6) imputazzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2020 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza appellata u tikkonferma s-sentenza fil-parti fejn illiberat lill-esponenti mill-ewwel, tieni u sitt imputazzjoni filwaqt illi tħassar u tirrevoka s-sentenza fejn*

*sabitu ħati tat-tielet, raba' u ħames imputazzjoni u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-2 ta' Novembru 2019 il-Pulizija kellha rapport li kienet qed tinstema' l-mużika mill-"Queen's Head Pub" sitwat fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar. Il-Pulizija marru fil-ħanut imsemmi fejn sabu lil ċertu Carane Parnis b'dan illi l-Pulizija ħarġu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant peress li l-liċenzja kienet f'ismu.

Illi fl-atti proċesswali jirriżultaw s-segwenti:

- Affidavit ta' **PC 373 Anthony Pace** (*a fol.* 4) li fih jgħid li fit-2 ta' Novembru 2019 għall-ħabta ta' 02.15hrs il-Pulizija rċeviet rapport anonimu dwar mużika amplifikata minn ġewwa il-"Queen's Head Pub" hawn fuq imsemmi. Jgħid li hu u PC 958 marru fuq il-post fejn semgħu l-mużika amplifikata mit-triq u fejn ordnaw lil tal-ħanut jitfgħu l-mużika u juru l-permess. Jgħid li ċertu Carane Parnis kienet bħala *substitute*

*operator* u tathom il-permessi u mill-permessi ma rriżultat ebda estensjoni li setgħet tindaqq il-mużika amplifikata sas-2.00a.m.. Jgħid li sid il-fond huwa ċertu Frank Calleja li ma kienx preżenti fuq il-post.

- Affidavit ta' **PC 958 Xavier Agius** (*a fol.* 5) fejn qal dak li qal PC 373 Anthony Pace fl-affidavit tiegħu u kkonferma li mar fuq il-post in kwistjoni flimkien ma' PC 373.

- Affidavit ta' **Malcolm Zerafa** (in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Liċenzji fl-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta) (*a fol.* 8) flimkien ma' liema affidavit ippreżenta dokumentazzjoni neċessarja minn liema jirriżulta li Frank Calleja huwa l-*licensee* tal-"Queen's Head Snack Bar" li jinsab fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar u li ilu l-*licensee* mill-24 ta' Novembru 2014. Minn *a fol.* 12 jidhru s-segwenti: *Registered Operator*: Ms. Davina Tabone b'effett mill-11 ta' April 2018 u *Registered Substitute*: Ms. Carane Paris b'seħħ mis-26 ta' Awwissu 2019. Minn *a fol.* 13 jirriżulta li l-liċenzja titħallas mill-istess Frank Calleja li huwa ndikat bħala l-*licensee*. Fil-kondizzjonijiet speċjali hemm li tista' tindaqq *soft background music*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti għaliex hu kien għamel kuntratt ta' kiri tal-post in kwistjoni u l-inkwilina kienet ġiet irreġistrata mal-MTA bħala operatur b'effett mill-11 ta' April 2018. Jisħaq li hu qatt ma kien ikun preżenti u għalhekk qatt ma seta' jippermetti daqq ta' mużika jew li ssir xi ħaġa mingħajr liċenzja. Skontu, l-inkwilin ma jkollu ebda interess jimxi mar-regolamenti għaliex ikun is-sid li ser jitressaq il-Qorti. Jisħaq ukoll li fis-26 ta' Awwissu 2019 Carane Parnis kienet irreġistrata bħala *substitute* u li meta seħħ l-akkadut mertu tal-proċeduri odjerni hi kellha l-kontroll tal-ħanut.

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jisħaq li l-Pulizija qatt ma messhom mexxew kontra s-sid għax kellu l-liċenzja imma messhom ipproċedew kontra l-operatur. Huwa għamel riferenza għal dak li qalet is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brian Mizzi** mogħtija fit-12 ta' Ottubru 2015 fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabet li l-persuna li kienet qed tmexxi l-ħanut kienet responsabbli għar-reat minkejja li dan la kien il-*licensee*, l-operatur jew is-*substitute*.

Illi din il-Qorti ser tagħmel il-konsiderazjonijiet tagħha fir-rigward taż-żewġ aggravji msemmija mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu flimkien minħabba li huma konnessi.

Illi għandu jingħad li l-affidavits tal-Pulizija ma ġewx kontradetti u allura jirriżulta li kienet qed tindaqq mużika amplifikata fis-2.15a.m.. Fir-rigward tal-każ odjern, *ai termini* ta' Regolament 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li mużika amplifikata – ukoll jekk liċenzjata – ma tistax tinstema' wara s-siegħa ta' filgħodu F'dan il-każ lanqas kien hemm biss permess għal tali mużika!

Illi l-appell tal-appellant huwa ppernjat fuq il-fatt li l-*licensee* ma kienx preżenti fil-ħanut għaliex kien hemm persuna oħra li qed topera l-post u li kienet reġistrata bħal *substitute*. L-appellant jissottometti li l-Pulizija ma messhomx ħarġu l-imputazzjonijiet kontra tiegħu ġialadarba hu ma kienx hemm u kien qed imexxi xi ħaddieħor

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-segwenti:

- Regolament 9 tat-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Ebda attivita' kummerċjali li tkun tinsab f'żona urbana ma tista' tiġġenera xi ħoss li jista' jinstema' minn barra l-post li jdejjaq u jikkawża storbju għall-ġirien bid-daqq ta' mużika minn baned *live* jew mużika amplifikata jew mezzi oħra bejn il-ħinijiet tal-

11.00p.m. u d-9.00a.m. tal-għada filgħodu u bejn is-1.00p.m u l-4.00p.m."

- Regolament 12(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 409.15 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

  "Id-detenturi ta' liċenza u l-operaturi ta' l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel ma għandhomx jippermettu d-daqq ta' mużika tgħajjat, strumenti tal-mużika u, jew l-użu ta' *loud speakers* u, jew amplifikazzjoni fl-istabbiliment kemm-il darba ma jkunx inħareġ permess minn qabel għal dik l-attivita'." [emfażi miżjuda]

Illi l-ħruġ ta' liċenzja huwa att amministrattiv serju għaliex miegħu jġorr responsabilitajiet kbar peress li wieħed ikun liċenzjat biex l-amministrazzjoni ta' post miftuħ għall-pubbliku jitmexxa bil-għaqal u skont il-liġi. Il-kiri ta' post tal-ikel huwa differenti minn kiri ta' dar jew garaxx għaliex il-post tal-ikel huwa marbut b'Regolamenti *ad hoc* li jridu jkunu segwiti. Għalhekk il-fatt li l-*licensee* jkun kera l-post ma jfissirx li d-dmirijiet tiegħu bħala *licensee* jispiċċaw hemm. Il-Pulizija Eżekuttiva xorta tista' tieħu passi kontra l-*licensee* minkejja li hu ma jkunx fiżikament preżenti fuq il-post. Il-fatt li l-operatur huwa marbut bil-liġijiet viġenti ma jfissirx li l-*licensee* jispiċċawlu l-obbligi għaliex ikun kera l-post tal-ikel lil xi persuna oħra. B'hekk isegwi li ż-żewġ aggravji tal-appellant qed jiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Frank Calleja u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

| **Onor. Dr. Neville Camilleri**<br>**Imħallef** | **Alexia Attard**<br>**Deputat Reġistratur** |
|---|---|